# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**1/18**

**Minuti tal-ewwel laqgħa tat-tmintax–il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj Louise Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (ma avżax) |

**<u>AĠENDA</u> : Ħatra ta' Skrivan Skala 15.**

1 Talba

1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-5.55 ta' filgħaxija u nfetħet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

2 Ħatra ta' Skrivan Skala 15

2.1 Is-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi filwaqt li rringrazzja lil kulħadd talli attendew għal din il-laqgħa nforma lill-kunsillieri preżenti li rċevejna 57 applikazzjoni wara li l-ETC bagħtilna lista ta' dawk li qed jirreġistraw għax-xogħol. Minn dawn l-applikazzjonijiet li rċevejna, hemm ftit minnhom ittimbrati fis-26 ta' Diċembru, 2011 peress li kien weġġa' l-Iskrivan u l-posta tas-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2011 ma kenitx infetħet minħabba l-korriment tal-iskrivan u, li dakinhar l-Uffiċċju tal-Kunsill baqa' magħluq.

Il-kumitat iddeċieda li dawn il-57 applikazzjoni huma eliġibbli għall-intervista.

2.2 Il-Kumitat iddeċieda lill-Bord tal-Ħatra għal Skrivan Skala 15 ser jinkonsisti mis-Sindku, is-Sur Horace J. Anastasi, il-Viċi Sindku is-Sur Ronald Briffa, l-Kunsillieri: s-Sinj. Mariella Micallef, is-Sur Cleaven C. Bugeja u s-Sur Edwin Formosa u, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sinj Louise Gusman.

2.3 Il-Bord ser jiltaqa’ nhar il-Erbgħa 11 ta’ Jannar u nhar l-Ħamis 12 ta’ Jannar mid-9.00 ta’ filgħodu sas-1 ta’ wara nofsinhar.

2.4 Il-laqgħa ntemmet għas-7 ta’ filgħaxija.

Horace J. Anastasi
Sindku

Louise Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn, 11 ta’ Ġunju, 2012.